MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-6 ta' Awwissu, 2005

Numru 386/2005

Il-Pulizija
(Sp Walter Spiteri)
vs
Raymond Grech, iben Emanuel,
imwieled Pieta’ fis-26 ta’
frar, 1962

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat –
talli f’dawn il-Gżejjer, fit-3 ta’ mejju, 2004 u matul ix-xahar ta’ qabel din id-data, bħala d-detentur tal-fond numru 24, Triq Dun Ġiusepp Naudi, Għaxaq, ukoll wara nzul ix-xemx, b’diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Liġi u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda, b’mezzi qarrieqa li bihom setgħa kellu l-użu jew il-konsum illeġittimu ta’ l-elettriku, tal-kwalita’ meħuda jew ikkunsmata, ikkometta serq ta’

dawl elettriku fl-ammont ta’ iktar minn Lm100 iżda anqas minn Lm500 mill-fond numru 24, Triq Dun Ġusepp Naudi, Għaxaq liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur għad-dannu
tal-Korporazzjoni Enemalta.
Il-Qorti ġiet mitluba li barra milli tagħti l-piena stabbilita’ mill-Liġi tordna lill-imputat li jħallas l-ispejjeż ta’ l-esperti maħtura mill-Qorti skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ ġunju, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 267, 270 u 278(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah li jħallas is-somma ta’ Lm79.47 spejjeż inkorsi fil-ħatra ta’ periti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------